KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

Kap tal-Oppożizzjoni *Leader of the Opposition*

24 ta' Lulju 2026

Iċ-Chairperson
Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)

Għażiża Sinjura Micallef,

Qed niktiblek sabiex nitlob laqgħa urġenti mal-membri tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (l-MCESD) biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni serja li qed jesperjenza pajjiżna b'rabta mal-provvista tal-elettriku.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat, eluf ta' familji u negozji Maltin u Għawdxin ġarrbu qtugħ ripetut u fit-tul tal-provvista tal-elettriku, b'konsegwenzi serji fuq il-ħajja ta' kuljum, fuq l-attività ekonomika u fuq il-benesseri tal-poplu tagħna. Din is-sitwazzjoni wasslet għal telf finanzjarju sostanzjali għal ħafna negozji, ħsara f'apparat u tagħmir, telf ta' prodotti u ikel, kif ukoll diffikultajiet kbar għal persuni vulnerabbli u għal dawk li jiddependu fuq apparat mediku li jaħdem bl-elettriku. Dak li qed iseħħ illum m'għadux jista' jitqies bħala episodju iżolat. Qed niffaċċjaw sfida nazzjonali li tolqot direttament lill-familji, lill-ħaddiema, lis-self-employed, lill-industrija u lis-settur kummerċjali kollu. Għalhekk nemmen għandu jitlaqqa' l-MCESD biex tiddiskuti b'mod miftuħ il-kawżi ta' din il-kriżi, l-impatt tagħha u s-soluzzjonijiet mingħajr aktar dewmien.

F'din il-laqgħa għandhom jiġu indirizzati fost oħrajn:

- ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-infrastruttura elettrika nazzjonali;
- il-miżuri immedjati meħtieġa biex jiġi assigurat servizz stabbli;
- l-impatt ekonomiku fuq il-familji, il-ħaddiema u n-negozji;
- il-mekkaniżmi ta' sostenn u kumpens għal dawk li ġarrbu danni u telf;
- il-pjan fit-tul għall-investiment meħtieġ sabiex pajjiżna jkollu infrastruttura moderna, robusta u adegwata għall-bżonnijiet tal-lum u ta' għada.

Għaldaqstant, inħeġġeġ lill-MCESD għal-laqgħa fl-iqsar żmien possibbli, sabiex l-imsieħba soċjali jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod kostruttiv lejn soluzzjonijiet fit-tul. Il-Partit Nazzjonalista huwa lest jagħti s-sehem tiegħu b'sens ta' responsabbiltà u fl-aħjar interess tal-poplu kollu.

Nirringrazzjak tal-kunsiderazzjoni tiegħek.

Tislijiet,

Alex Borg
Kap tal-Oppożizzjoni